**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 4318/24**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Vs**

**Priviledge Mupimhidzi**

**Illum 27 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Priviledge Mupimhidzi** ta' sebgħa u tletin (37) sena, imwieled fl-14 ta' Ottubru 1986 ġewwa Zimbabwe, iben Patrick u Veronica neè Zammit, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0123804(L), talli bejn Frar 2024 u Ġunju 2024, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., b'digriet mogħti nhar is-16 ta' Jannar 2024, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tirrevoka s-somma imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Priviledge Mupimhidzi u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu fejn bid-digriet imsemmi iktar 'l fuq kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tittratta ma' Priviledge Mupimhidzi bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi tal-Qorti (Malta), liema sentenzi saru definittivi;

Rat li l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Sarah Zerafa mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2024[2] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SZ1" sa' Dok. "SZ11" a fol. 42 sa' 101 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa[3], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, u ta' l-imputat[4] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2024 u rat id-

[1] Fol. 3 tal-proċess.
[2] Fol. 5 sa' 7 tal-proċess.
[3] Fol. 103 tal-proċess.
[4] Fol. 158 sa' 161 tal-proċess.

dokumenti esebiti minn Stephania Calafato Testa markati Dok. "SCT1" u Dok. "SCT2" a fol. 104 sa' 157 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli bejn Frar 2024 u Ġunju 2024, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., b'digriet mogħti nhar is-16 ta' Jannar 2024, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest. Il-Prosekuzzjoni titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat u r-ri-arrest tiegħu kif ukoll il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma intiera imposta fuq l-imputat fl-imsemmi Digriet tas-16 ta' Jannar 2024. In oltre l-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Provi:**

**L-Ispettur Sarah Zerafa**[5] xehdet illi *fil-konfront ta' Priviledge Mupimhidzi għaddejja kawża fejn jiena kont ressaqtu l-Qorti nhar il-31 ta' Diċembru 2023, kont ressaqtu b'arrest fejn f'din il-kawża hu kien inżamm taħt arrest. Hu kien tressaq b'kompliċità t'arrest minn ġewwa l-Marsa. Iktar 'l quddiem fil-proċeduri nhar is-16 ta' Jannar 2024, huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti li qed tisma' l-każ fil-konfront tiegħu fejn kien ingħata d-Digriet li jrid jiffirma kuljum bejn is-sebgħa ta' filgħodu u s-sebgħa ta' filgħaxija ġewwa l-Għassa ta' Birżebbuġia u wkoll fost il-kondizzjonijiet kellu wkoll jekk ibiddel l-indirizz tad-dar, irid jinforma lill-Pulizija b'dan it-tibdil fi żmien tnax-il siegħa minn tali bdil. Dawn il-kondizzjonijiet ħa nippreżenta vera kopja tagħhom* - Dok. "SZ1" a fol. 8 u 9 tal-proċess - *u qed nikkonferma li dan il-każ qed jinstema' quddiem il-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo li kienet l-istess Maġistrat li ħarġet dawn il-kondizzjonijiet u għadu mhux deċiż u bħala Prosekuzzjoni qed inmexxi dan il-każ. Lil Priviledge Mupimhidzi qed nagħrfu hawnhekk fl-Awla u qed nippreżenta d-dettalji tiegħu mis-sistema tal-Pulizija kif ukoll iċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu* - Dok. "SZ2" u Dok. "SZ3" a fol. 10 u 11 tal-proċess. *F'dawn il-proċeduri kien infteaħ bail book li kien tħalla ġewwa l-Għassa ta' Birżebbuġia fejn Priviledge Mupimhidzi beda jiffirma dan il-bail book minn meta ħa l-bail, cioè mis-17 ta' Jannar 2024, hu beda jiffirma kuljum dan il-bail book. Waqaf jiffirma dan il-bail book u fil-fatt l-aħħar li ffirma kien fid-19 ta' Frar 2024 u mill-20 ta' Frar 2024 sa' illum il-ġurnata ma kienx iffirma darba.* L-Ispettur Zerafa esebiet il-bail book in kwistjoni markat Dok. "SZ4" a fol. 101 tal-proċess.

L-imsemmija Spettur iddikjarat ulterjorment illi *bħala Pulizija kont għamilt diversi tentattivi sabiex nagħmel kuntatt miegħu u kont bgħatt lill-Pulizija ġewwa l-address li kien ta, cioè 76, Chalanne, Flat 2, Triq l-Għannejja, Birżebbuġia. Dan kien l-address li kien iddikjara fejn qed joqgħod meta ħa l-bail u hawnhekk għandi riferta fejn jiena ridt ninnotifika lil Priviledge Mupimhidzi b'Digriet fejn jiena kont qed ninforma lill-Qorti li dan mhux qed jiffirma l-bail book, fejn din ir-riferta ma kienetx tqassmet lilu. Fil-fatt il-Pulizija kien niżżel li "no answer, aluminium front door and wooden door of flat 2 open with no belongings". Kien jidher li f'din ir-residenza ma kien qed joqgħod ħadd* - Dok. "SZ5" a fol.

[5] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2024, fol. 5 sa' 7 tal-proċess.

12 sa' 16 tal-proċess. *Kont sirt naf li Priviledge Mupimhidzi kien ġie nvolut b'rapport ieħor milli għandu x'jaqsam ma' l-Għassa taż-Żejtun u f'dan ir-rapport hu kien ta address lill-Pulizija. Dan ir-rapport kien ħa ħsiebu PS1405 fejn fit-2 ta' April 2024, huwa kien kellem lil Priviledge Mupimhidzi rigward ir-rapport li kien qed jieħu ħsieb hu, u Priviledge Mupimhidzi kien qal li kien qed joqgħod ġewwa 68, Triq San Franġisk, Senglea. Meta sirt naf b'dan ir-rapport, jiena għamilt diversi tentattivi minħabba l-Mandat li kelli għall-kawża li kienet qed tiġi mismugħa mill-Maġistrat Caroline Farrugia Frendo. Kont qed nibgħat lill-Pulizija sabiex jagħmel kuntatt ma' Priviledge Mupimhidzi ġewwa l-indirizz 68, Triq San Franġisk, Isla, però qatt ma kienu jiftħulhom il-bieb. Qed nippreżenta r-rapport fejn kien involut PS 1405 minn fejn jiena ġibt l-indirizz fejn jista' jkun qed joqħgod Priviledge Mupimhidzi u qed nippreżenta rapport ieħor fejn f'diversi ġranet il-Pulizija għamlet diversi tentattivi f'dan l-address u ħadd ma kien irrisponda u fetħilhom il-bieb* - Dok. "SZ6" u Dok. "SZ7" a fol. 17 sa' 23 tal-proċess. *Minħabba f'hekk jien kont għamiltu wanted fuq is-sistema tal-Pulizija fejn nhar it-2 ta' Ġunju 2024, PC50 kien infurmani li kien ra lil Priviledge Mupimhidzi ġewwa l-Marsa għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija. Minn hemmhekk kien ġie arrestat sabiex inkun nista' nkellmu iżjed. Qed nippreżenta rapport dwar l-arrest* - Dok. "SZ8" a fol. 24 u 25 tal-proċess.

L-Ispettur Zerafa ppreżentat ukoll stqarrija rilaxxata mill-imputat, li huwa għażel li ma jiffirmax, fedina penali ta' l-imputat u sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. William Kelly Harrison et" deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju 2022 - Dok. "SZ9" sa' Dok. "SZ11" a fol. 26 sa' 100 tal-proċess.

In kontro-eżami l-Ispettur Zerafa ċċarat li l-imputat ma kienx mar l-Għassa taż-Żejtun għaliex bagħtu għalih, spjegat illi *li naf żgur ma setgħux jikkuntattjawh lilu għax is-Surġent li ħa ħsiebu staqsa lili u qalli, "kif nista' nsibu lil Priviledge Mupimhidzi?" Jiġifieri hu ma kienx ikkuntattjat u ġie l-għassa, hu kien wanted fuq is-sistema tal-Pulizija u l-istess ħaġa kif ġara f'dawn il-proċeduri kienu sabuh, arrestawh u kienu kellmuh imbagħad. Imbagħad dak il-ħin kien tahom l-indirizz ta' l-Isla.* Ikkonfermat illi l-imputat kien in segwitu ħa lill-Pulizija mill-Għassa taż-Żejtun, fl-indirizz ta' l-Isla.

**Stephania Calafato Testa**[6], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, ippreżentat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. William Kelly Harrison et" deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju 2022 u kkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza u li l-ħlas ta' l-ispejjeż kif ordnat f'dik is-sentenza ġie effettwat[7].

**L-imputat**[8] xehed illi *f'Diċembru jiena kont arrestat u ġabuni bħala accomplice of theft u ħsara volontarja fuq karozza. Wara sittax-il ġurnata li kont ilni arrestat, ġejt mogħti l-bail u waħda mill-kondizzjonijiet tiegħi li niffirma daily bejn is-sebgħa ta' filgħodu u s-sebgħa ta' filgħaxija. Għall-bidu jiena bdejt insegwi din il-kondizzjoni li kelli però darba minnhom jiena nsejt immur niffirma l-bail. Sinjura Maġistrat jiena għandi karattru li għaddejt minn ħafna f'ħajti li ċertu affarijiet iġiegħluni nagħmel affarijiet li bla ma rrid unconciously inkun qed nagħmel ċertu affarijiet bla ma nkun naf li jkunu ħżiena però ma nkunx naf li qed nagħmilhom. Jiena għandi kundizzjoni li hija certified li hija tendency of a bipolar behaviour li ma tirriflettix xi ħaġa sabiħa fuq persuna però nemmen li kull bniedem ħaqqu ċans u meta niżbalja dejjem nammetti li żbaljat u nerfa' r-responsabilità ta' l-iżbalji tiegħi. F'ħajti jiena minn mindu kont żgħir dejjem kont institutionalised, l-istitut, ħabs, programmi u dawn it-tip ta' affarijiet. Issa meta jien dakinhar insejt niffirma, moħħi awtomatikament tani li rikbet ċertu biżgħa ġewwa fija li jekk ħa immur it-tieni darba, ħa niġi arrestat u bla ma ridt jiena moħħi beda jgħid tmurx għax ħa tiġi miġbur li ma hijiex*

[6] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-11 ta' Ġunju 2024, fol. 103 tal-proċess.
[7] Dok. "SCT1" u Dok. "SCT2" a fol. 104 sa' 157 tal-proċess.
[8] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2024, fol. 158 sa' 161 tal-proċess.

*xi ħaġa sabiħa lanqas u nerfa' r-responsabilità tagħha din il-ħaġa. Jiena ma kontx marbut bil-ħin x'ħin nidħol id-dar, imma ovvjament ma jiġġustifikax il-fatt li ma mortx niffirma. Nixtieq li jkolli lil dak ix-xi ħadd li jgħini nsegwi fuq barra biex forsi jkun jista' jgħini u jiggwidani għax qattajt ħafna snin minn ħajti magħluq u ċertu affarijiet qisni baby qisni ħa nibda nimxi lejn is-soċjetà. Dan l-aħħar jiena bdejt naħdem normali u dan l-aħħar jiena kont self-employed bħala barber u ma kienx qed ikolli finanzi biżżejjed biex inħallas il-kera u l-ispejjeż kollha li kelli nħallas bħal multi u affarijiet oħrajn li kelli ta' qabel u bdilt ix-xogħol. Issa kont qed naħdem plasterer u restoration u affarijiet minn dawn tal-gallariji u qatt ma kelli xogħol li huwa għal qalbi bħal ma qiegħed illum il-ġurnata imma xorta l-fatt li jiena ma mortx niffirma, mhux xi ħaġa sabiħa u kull ma nixtieq li l-Qorti forsi, mhux qed ngħid li tħenn għaliha ta' jiġifieri u l-ħażin hemm qiegħed, u trid tħallas għalih, imma kieku forsi l-Qorti tagħtini l-minimu u forsi nkun nista' nibqa' għaddej bil-ħajja li qbadt issa llum il-ġurnata, naħseb li kont għaddej tajjeb ħafna. Nammetti li żbaljajt u jekk hemm kastig ħaqqni li nieħdu l-kastig naċċetta wkoll … però jekk forsi intom tħennu naqra żgħira għalija u forsi tgħinuni biex forsi nimxi naqra aktar 'l quddiem napprezza ħafna minn naħa tagħkom.*

Fir-rigward tal-kwistjoni ta' l-indirizz u l-fatt li ma avżax lill-Pulizija bil-bidla fl-indirizz tiegħu, l-imputat xehed *xi xahar u nofs ilu ġejt avviċinat mill-Pulizija taż-Żejtun u qaluli għax kien hemm xi kwistjoni mal-persuna li kelli l-każ magħha li għandi l-bail fuqha jiena. Kien hemm xi rapport falz minn naħa ta' din il-persuna u l-Pulizija bagħtu għalija l-Għassa taż-Żejtun u qaluli li jiena ninsab taħt arrest għax ma kienux jafu fejn qed noqgħod. Kelli ċ-ċavetta tal-post fejn qed noqgħod u għedtilhom li qed noqgħod f'dan l-indirizz li għadni nirrisjedi fih sal-lum il-ġurnata u qaluli li ħa jkollhom jeħduni hemmhekk u jekk jirriżulta l-post tiegħi jirrilaxxawni mill-arrest. Jiena għamilt hekk, ħadt lill-Pulizija fejn qed nirrisjedi li huwa l-indirizz numru 68, Triq San Franġisk, Isla, dħalu l-Pulizija miegħi d-dar u raw li huwa l-post fejn qed noqgħod jiena bl-affarijiet kollha tiegħi u telquni u qalilu "you are released". Nhar il-Ħadd li għadda kont qed nagħti d-diesel il-van tax-xogħol, avviċinawni l-Pulizija u qaluli li qiegħed arrestat għax ħareġ Warrant of Arrest rigward breach of bail. Ovvjament jiena mxejt magħhom normali kif għandhom isiru l-proċeduri tagħhom, ħaduni d-depot, ressquni ġurnata wara l-Qorti, ma nstemgħetx is-seduta u erġajt mort id-depot u ressquni l-għada taħt l-Maġistratura tiegħek. Bażikament dak, il-Pulizija kienu jafu fejn qed noqgħod jiġifieri u ma kontx qed nistaħba jew immur x'imkien ieħor. … Il-kondizzjoni tal-bail li kienu tawni kienet li within twelve hours li nidel l-address irrid navża lill-Ispettur, jiena nqast milli nagħmilha din il-ħaġa Sinjura Maġistrat però jiena nirrisjedi f'dik ir-residenza, it-tieni residenza u mhux ir-residenza li kont tajt lill-Pulizija però dak iż-żmien iva kont qed nirrisjedi f'dik ir-residenza però sakemm jiena kont il-ħabs arrestat, sid il-kera ried li jikri l-post lill-ħaddieħor u meta jiena ħriġt mill-ħabs, mort fir-residenza, sid il-kera tani ċans biex insib alternattiva ta' post ieħor, u ovvjament sibt dan il-post fejn qed nirrisjedi llum il-ġurnata u l-iżball tiegħi kien li ma avżajtx lill-Ispettura li jiena nirrisjedi f'dak l-address.*

In kontro-eżami l-imputat ikkonferma li kien ilu ma jiffirma l-bail book sa' minn Frar tas-sena 2024 u li ma kienx ta raġuni lill-Pulizija għalfejn ma kienx qed jiffirma. Ikkonferma wkoll li meta biddel l-indirizz residenzjali tiegħu huwa ma avżax lill-Pulizija kif kien obbligat li jagħmel. Fir-rigward ta' Psikjatri u/jew Psikologi li jsegwuh, l-imputat iddikjara *ilni nsegwi Psikjatri u Psikologi minn mindu kelli għaxar snin. … Bħal' issa kont qed nikkomunika ma' Dr. Mark Xuereb u kelli appuntament biex immur nsegwi u bħal' issa anki ċerti medications qed nieħu rigward din is-sitwazzjoni*. Fir-rigward ta' min iċċertifikalu l-allegata kondizzjoni tiegħu, l-imputat iddikjara *din ġiet iċċertifikata waqt li kont qed nagħmel programm ta' rijabilitazzjoni … Ġewwa Santa Marija* u ddikjara li huwa ġie djanjostikat mill-ħaddiema stess ta' Santa Marija.

**Imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli bejn Frar 2024 u Ġunju 2024 huwa kiser il-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu b'Digriet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fis-16 ta' Jannar 2024.

Mill-imsemmi Digriet esebit bħala Dok. "SZ1" a fol. 8 u 9 tal-proċess, illi l-Ispettur Sarah Zerafa kkonfermat li ngħata fil-konfront ta' l-imputat odjern fi proċeduri oħra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li għadu in vigore, jirriżulta li fost diversi kondizzjonijiet imposti fuqu, l-imputat kellu l-obbligu li jirrapporta l-Għassa tal-Pulizija tad-Distrett fejn joqgħod - fiż-żmien in kwistjoni Birżebbuġia - kuljum bejn is-7:00a.m. u s-7:00p.m., b'dana li jekk ma jistax imur kellu jibgħat ċertifikat mediku fi żmien sitt siegħat[9], kif ukoll l-obbligu li jekk ibiddel l-indirizz tad-dar, jinforma lill-Pulizija b'tali tibdil fi żmien tnax-il siegħa[10].

Mill-provi prodotti, inkluż ix-xhieda ta' l-imputat innifsu, jirriżulta pruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li huwa kiser l-imsemmija żewġ kondizzjonijiet imposti fuqu bid-Digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 16 ta' Jannar 2024. In effetti l-imputat iffirma l-bail book, li nfetaħ fis-17 ta' Jannar 2024, sad-19 ta' Frar 2024, ossia pratikament għal xahar biss, u minn dakinhar ma mar jiffirma qatt iktar. L-imputat innifsu ammetta dan in-nuqqas daqs kemm ammetta wkoll il-fatt li huwa naqas milli jinforma lill-Pulizija bil-bidla fl-indirizz residenzjali tiegħu, liema nuqqas wassal għal diversi diffikultajiet biex jiġi rintraċċjat għall-finijiet ta' proċeduri pendenti li huwa għandu w investigazzjonijiet oħra tal-Pulizija.

Għalkemm l-imputat jammetti li naqas milli jiffirma l-bail book minn Frar ta' din is-sena, huwa jappella għall-klemenza tal-Qorti minħabba allegata *tendency of a bipolar behaviour* li jikkontendi li għandu. Din l-allegazzjoni però ma ġietx minnu debitament ippruvata u sostanzjata stante li ma ressaq l-ebda prova, lanqas imqar ċertifikat relattiv, fir-rigward.

Għal kull buon fini l-Qorti rreferiet għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. William Kelly Harrison et" esebita bħala Dok. "SCT1" a fol. 104 sa' 155 tal-proċess u dana billi mill-imsemmija sentenza jirriżulta li kien tħejja Social Inquiry Report fil-konfront ta' l-imputat. Il-konkluzjonijiet ta' l-Uffiċjal tal-Probation li kien ħejja tali Social Inquiry Report fil-konfront ta' l-imputat jinsabu riprodotti *in extenso* fl-imsemmija sentenza iżda, imkien ma jidher jew jissemma li l-imputat għandu xi forma ta' kondizzjoni li toħloqlu xi forma ta' *mental impairment* u wisq inqas li jbagħti minn *tendency of a bipolar behaviour*. Mill-istess sentenza jirriżulta li l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tlett snin mid-data ta' tali sentenza u b'hekk il-Qorti ma tistax tifhem kif, jekk l-imputat qed isegwi tali Ordni ta' Trattament, ma seħħlux iressaq Uffiċjal tal-Probation u/jew professjonisti oħra li jistgħu jkunu qed isegwuh fuq tali Ordni biex jixħtu ftit dawl fir-rigward ta' dak minnu allegat. Bl-istess mod, għalkemm l-imputat jikkontendi li qiegħed taħt il-kura ta' Dr. Mark Xuereb u qed jieħu medikazzjoni relattiva, huwa naqas milli jressaq lil tali Psikjatra bħala xhud biex hu wkoll jagħti xhieda dwar din l-allegata kondizzjoni ta' l-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi u minħabba nuqqas ta' prova li tista' tagħti forma ta' spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni għall-aġir ta' l-imputat, il-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn l-istess imputat ma għandux jirrispondi bis-sħiħ għall-ksur, fi żmien qasir ferm, ta' kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu.

---

[9] Kondizzjoni Nru. 5 tad-Digriet.
[10] Kondizzjoni Nru. 6 tad-Digriet.

Skuża oħra li jipprova javvanza l-imputat biex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jmur jiffirma l-bail book, hija l-allegazzjoni li meta 'nesa' jiffirma l-ewwel darba, huwa beża' li jekk imur jiffirma jiġi arrestat mill-ewwel u jitressaq il-Qorti. Jekk wieħed jara l-fedina penali ta' l-imputat joħroġ ferm ċar li l-istess imputat ma huwiex novell għal problemi ġudizzjarji ta' natura kriminali u fil-fatt tressaq il-Qorti u ġie ikkundannat diversi drabi. Il-Qorti diffiċilment tista' tifhem, u addirittura temmen, kif persuna b'fedina penali piuttost kopjuża, bħalma hija dik ta' l-imputat, verament tħossha intimidata u beżgħana għaliex tonqos milli tiffirma l-bail book darba biss, iktar u iktar jekk l-imputat già kellu okkazzjonijiet preċedenti fejn kien ingħata l-ħelsien mill-arrest.

In kwantu rigwarda l-fatt li naqas li javża lill-Pulizija bil-bidla fl-indirizz residenzjali tiegħu entro t-terminu impost fid-Digriet tas-16 ta' Jannar 2024, l-imputat, għad illi jammetti tali nuqqas, jipprova jiminimizza l-akkadut billi jikkontendi li huwa verament kien jgħix fl-indirizz il-ġdid ġewwa l-Isla u li ma kienx qed jipprova jaħrab jew jinħeba.

Frankament din l-iskuża ta' l-imputat ftit li xejn treġi għas-segwenti raġunijiet: fl-ewwel lok, għalkemm huwa seta' realment kien qed jabita fil-fond ġewwa l-Isla, dan il-fatt huwa kemm xejn irrelevanti għall-ksur lilu addebitat stante li *ex admissis* huwa naqas milli javża lill-Pulizija bil-bidla fir-residenza tiegħu, u fit-tieni lok dan in-nuqqas, flimkien man-nuqqas li jmur jiffirma l-Għassa, effettivament wassal biex huwa rredna ruħu rrintraċċabbli għal diversi xhur u ġie rintraċċjat sempliċement għaliex innutawh il-Pulizija ġewwa l-Marsa meta kien qed jiġi mfittex mill-Għassa taż-Żejtun fuq kwistjoni oħra. In effetti mir-rapport tal-Pulizija esebit bħala Dok. "SZ6" a fol. 17 sa' 21 tal-proċess, joħroġ ċar li l-Pulizija ta' l-Għassa taż-Żejtun damu ben xahar biex sabu lill-imputat u mix-xhieda ta' l-Ispettur Sarah Zerafa jirriżulta li hija kelli addirittura tottjeni mandat ta' arrest għall-imputat minħabba n-nuqqas tiegħu li jidher ukoll għas-seduti miżmuma quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fi proċeduri oħra li l-imputat għandu pendenti kontrih.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li filwaqt li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat kiser il-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu bid-Digriet datat 16 ta' Jannar 2024, l-istess imputat naqas milli jagħti raġuni u/jew ġustifikazzjoni valida għal tali nuqqas. Għaldaqstant il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront tiegħu.

**Talba revoka *contrario imperio* tad-Digriet għall-ħelsien mill-arrest:**

Il-Prosekuzzjoni titlob, fost affarijiet oħra, li l-Qorti tirrevoka d-Digriet għall-ħeslien mill-arrest ta' l-imputat datat 16 ta' Jannar 2024 u tordna r-ri-arrest ta' l-imputat. Id-Difiża tikkontendi però li tali talba mressqa fil-kuntest ta' proċeduri bħal dawk odjerni hija proċeduralment inammissibbli in kwantu, skontha, ir-revoka tad-Digriet għall-ħeslien mill-arrest tista' tintalab biss quddiem il-Qorti li qed tmexxi l-proċeduri fejn l-imputat ingħata tali ħelsien mill-arrest. In sostenn ta' dak minnha affermat, id-Difiża għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlot Calleja" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008.

Il-Qorti qrat is-sentenza ċitata mid-Difiża fil-kors tat-trattazzjoni orali u frankament ma tistax tifhem kif tippretendi li din is-sentenza tagħti xi forma ta' konfort lit-teżi tagħha, anzi piuttost il-kuntrarju in kwantu tikkonferma li fi proċeduri ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bħal dawk odjerni, il-Prosekuzzjoni tista', ai termini tas-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, titlob ir-revoka *contrario imperio* tad-Digriet għall-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat.

Dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza msemmija, li kienet deċiżjoni minn appell ta' l-Avukat Ġenerali mis-sentenza tal-Qorti ta' Prim' Istanza li kienet astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri u l-arrest mill-ġdid tiegħu, huwa s-segwenti: *Fl-udjenza tal-bieraħ din il-Qorti stiednet lill-avukat Dott. Aaron Bugeja biex jispjega eżatt fuq liema disposizzjoni tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 413 tal-Kap. 9 l-Avukat Ġenerali kien qed jibbaża l-appell tiegħu, u dan peress li dan il-punt ma joħroġx forsi daqstant ċar mir-rikors ta' appell. Minn dak li ġie sottomess mill-imsemmi abbili prosekutur hu evidenti li l-appellant Avukat Ġenerali qiegħed in effetti jargumenta li s-sentenza appellata fiha, fost affarijiet oħra, enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi (li fid-duttrina tista' tkun kemm tal-liġi sostantiva kif ukoll tal-liġi proċedurali) li minħabba fiha l-appellat ġie lliberat minn "parti" mill-akkuża. Issa, dak li effettivament jirriżulta li ġara quddiem l-ewwel qorti kien dan: ic-charge sheet li permezz tagħha Calleja tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Inferjuri, wara li ssemmi l-imputazzjoni (hawn aktar 'l fuq riprodotta) konsistenti fi ksur ta' kundizzjoni tal-bail, ma kienitx titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u r-ri-arrest mill-ġdid tiegħu fit-termini tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali. Tali talba, però, saret permezz ta' rikors li ġie preżentat quddiem dik l-istess qorti, fl-istess proċeduri, u fl-istess ġurnata li Calleja tressaq b'arrest, u qabel ma l-qorti għaddiet għas-sentenza tagħha. In fatti l-verbal ta' l-udjenza tat-8 Mejju 2008, jgħid hekk: "Meta issejħet il-kawża deher l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech u l-imputat assistit minn Dr Joseph Giglio". "L-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech qara u kkonferma ċ-ċitazzjoni u ppreżenta ċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, fedina penali ta' l-imputat, stqarrija ta' l-imputat u kopja ta' digriet datat 26 ta' Jannar 2007, dokumenti PG 1 sa PG 4 rispettivament". "L-uffiċjal prosekutur ippreżenta wkoll rikors ghar-revoka tal-ħelsien mill-arrest fil-konfront ta' l-imputat". "Sar l-eżami ta' l-imputat li ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu". "Saret trattazzjoni dwar il-piena". "Ingħatat sentenza". "Il-Qorti, b'refernza għar-rikors preżentat mill-prosekuzzjoni in vista tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' April 2008 fil-kawża 'Il-Pulizija v. Kevin Gatt' tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni." Kjarament, għalhekk, il-prosekuzzjoni, fl-istess proċedimenti, talbet ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat. Ma kien hemm assolutament xejn irregolari fil-mod kif ipproċediet il-prosekuzzjoni f'dan il-każ. La s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali imsemmija fil-verbal hawn riprodott, u lanqas il-liġi, ma jirrikjedu li t-talba ssir fiċ-charge sheet; dak li hu importanti hu li ssir fl-istess proċedimenti u, naturalment qabel ma tingħata s-sentenza u b'mod li d-difiża tkun tista' tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha anke fuq dik it-talba. In fatti tali talba anqas hemm bżonn li ssir bil-miktub, għalkemm huwa dejjem konsiljabbli li ssir hekk biex jiġu evitati malintiżi, u dan speċjalment minħabba l-fatt li ċerti uffiċjali tal-pulizija xi mindaqqiet donnhom jibżgħu jasserixxu d-dritt tagħhom li talbiet simili jiġu verbalizzati korrettement mill-qorti. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-15 ta' April 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt tista' b'xi mod tiġi interpretata bħala li r-rikors ta' l-Ispettur Pierre Grech f'dan il-każ kien b'xi mod irritwali, kif evidentement qegħda tirritjeni l-ewwel qorti. L-Avukat Ġenerali, għalhekk, għandu dritt jappella f'dan il-każ peress li l-ewwel qorti kjarament immisinterpretat il-liġi, ċirkostanza li tagħti lill-imsemmi Avukat Ġenerali dritt li jappella skond l-Artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kodiċi Kriminali. Huwa veru li din l-enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi, li a bażi tagħha l-ewwel qorti in effetti lliberat lill-imputat minn ċerti konsegwenzi intimament marbuta ma' l-imputazzjoni, ma ġietx imsemmija espressament fis-sentenza; din l-enunċjazzjoni żbaljata, iżda, tirriżulta ċar mill-verbal imsemmi u għalhekk tirriżulta on the face of the record, u dan apparti dak li jingħad fis-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu 413. Skond dan is-subartikolu, in fatti, dan in-nuqqas ta' l-ewwel qorti jwassal ghan-nullità tas-sentenza, u "din l-istess nullità tagħti jedd ta' appell lill-Avukat Ġenerali..." Għalhekk, din il-Qorti qed tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u sejra tgħaddi biex tiddeċiedi l-każ fil-meritu.*

*Wara li din il-Qorti eżaminat l-atti kollha, u wara li ħadet in konsiderazzjoni dak sottomess mill-Uffiċjal tal-Probation Carmen Nygaard, din il-Qorti hi tal-fehma li il-piena ġusta hija proprju dik erogata mill-ewwel qorti, cioè sebat (7) ijiem priġunerija. Din il-Qorti hi wkoll tal-fehma li f'dan il-każ għandha tapplika l-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, u dan kif del resto anke l-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza fuq imsemmija, qalet li jista' jsir. A skans ta' ekwivoċi, in fatti, qed tiġi hawn riprodotta s-silta relevanti mill-imsemmija sentenza kostituzzjonali: "Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu s-sitwazzjoni billi, oltre għall-proċedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introduċew proċedura ġdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-ħelsien mill-arrest jammonta wkoll għal reat. Bħal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista' tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew priġunerija, jew multa u priġunerija flimkien – jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-ħelsien mill-arrest (iżda mhux il-konfiska tas-somma) fil-proċeduri li fihom il-ħati jkun ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv. Jingħad "tista'" għax il-leġislatur ta l-fakoltà lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkużat – dan irid jitressaq dejjem taħt arrest – talli kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistgħu ukoll jitolbu "fl-istess proċedimenti...ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna". U jagħmel ħafna sens li jkun hemm dik il-fakoltà għax filwaqt li kull ksur ta' kundizzjoni tal-qorti, zgħir kemm ikun zgħir dak il-ksur, jammonta wkoll għal reat, għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-persuna in kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l-proviso tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor, jista' jkollok sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkużat li kien ingħata l-ħelsien mill-arrest jinstab ħati ta' ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti u jingħata il-piena skond il-liġi, iżda, minħabba li l-ksur tal-kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tal-ħelsien mill-arrest. Kjarament il-leġislatur qed jikkontempla bħala "piena" addizzjonali għar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u meta jittieħdu l-proċeduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' lArtikolu 579 – ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-ġdid.*

Mhux talli s-sentenza ċitata mid-Difiża ma hijiex affattu ta' sostenn għall-pretensjoni tagħha, talli tali pretensjoni hija indubbjament waħda żbaljata in kwantu l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)* - li kif già iktar 'l fuq osservat huwa appuntu l-bażi tal-proċeduri odjerni fil-konfront ta' l-imputat - *għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest u* ***l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna***[11]*. Il-proċediment għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.*

Minn dan jirriżulta li t-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat u l-arrest mill-ġdid tiegħu hija proċeduralment korretta u hija wkoll għal kollox ġustifikata.

In-nuqqas ta' l-imputat li joqgħod għall-kondizzjonijiet imposti fuqu għall-ħelsien mill-arrest fi żmien hekk qasir wara li kien ingħata tali fakoltà, ma jridx jintnesa li il-ħelsien mill-arrest ingħata fis-16 ta' Jannar 2024 u l-imputat iffirma l-aħħar fid-19 ta' Frar 2024, ma jistax jitqies li huwa nuqqas ta' konsegwenza żgħira u mhux serja. Dan in-nuqqas ta' l-imputat juri biċ-ċar li huwa assolutament ma jridx joqgħod għal kondizzjonijiet imposti fuqu, anzi juri disrispett totali lejn il-Qorti in kwantu sfaċċatament għażel li ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imposti fuqu u jaghmel biss dak li jfettillu.

---

[11] Enfasi tal-Qorti.

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat u r-ri-arrest tiegħu hija ġustifikata u jistħoqq li tiġi milqugħa.

**Talba għall-konfiska ta' l-obbligazzjoni tal-garanzija, bis-somma totali tgħaddi kollha favur il-Gvern ta' Malta:**

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu ta' €400 u l-garanzija personali ta' €5,000 imposti fuq l-imputat bid-Digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 16 ta' Jannar 2024.

L-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.*

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ li, kif ingħad, ma jistgħux jitqiesu li huma ta' konsegwenza żgħira u mhux serja, tant illi wasslu għar-revoka tad-Digriet għall-ħelsien mill-arrest, il-Qorti tqis li huwa opportun u f'loku li d-depożitu **u** l-garanzija personali imposti fuq l-imputat jiġu konfiskati a favur il-Gvern ta' Malta *in toto*.

**Reċidiva:**

In fine l-Prosekuzzjoni titlob ukoll li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmija provvedimenti tal-Liġi jiddisponu li: p*ersuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor* - Artikolu 49(1); *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor* - Artikolu 50.

Fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. William Kelly Harrison et" deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju 2022, esebita bħala Dok. "SCT1" a fol. 104 sa' 155 tal-proċess, jirriżulta li l-imputat huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijeit ta' Malta.

Mill-konnotati ta' l-imputat Priviledge Mupimhidzi f'dawk il-proċeduri kif indikati fis-sentenza imsemmija, jirriżulta li l-istess ingħatat fil-konfront ta' l-imputat odjern. B'dik is-sentenza l-imputat instab ħati ta' wħud mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u ġie kkundannat għall-perijodu ta' erba' snin u sitt xhur priġunerija, minn liema kellu jitnaqqas it-terminu li għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dak il-każ. Huwa evidenti li r-reat odjern seħħ entro t-terminu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant, kif appena osservat, l-imputat għandu jiġi trattat bħala reċidiv ai termini ta' l-imsemmija Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u li huwa wettaq il-ksur li tiegħu qed jinstab ħati biss ftit ġimgħat wara li kien ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 49, 50 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tittratta miegħu bħala reċidiv, u b'hekk tikkundannah għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija effettiva. In oltre, dejjem ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €400 **u** tas-somma ta' €5,000 imposti fuq l-imputat bħala depożitu u garanzija personali rispettivament għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest bid-Digriet datat 16 ta' Jannar 2024.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet għall-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fis-16 ta' Jannar 2024, u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**